**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Jean Paul Grech B.A., LL.D**
**M.Juris (Int. Law), Adv. Trib. Eccl. Melit**

**SENTENZA**

Mogħtija illum, il-Ġimgħa, sebgħa u għoxrin (27) ta' Settembru 2024

Kawża Nru

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Mallia)**

Vs

**Michael Camilleri**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba kontra **Michael Camilleri**, iben George Camilleri u Rita nee' Bonello, mwieled Pieta fit-tletin (30) ta' April 1983 u residenti ġewwa 121, Flat 1, Triq il-Vitorja, Qormi, detentur tal-karta tal identita numru 282183(M) talli fil-lejl ta' bejn il-ħamsa u għoxrin (25) ta'

Settembru 2024 u s-sitta u għoxrin (26) ta' Settembru 2024 għall-ħabta ta' bejn l-għaxra u kwart (22:15Hrs) u l-ħdax ta' filgħaxija (23:00Hrs) f'Tal-Ħarbux Farmhouse, Triq Santa Klara, Naxxar u f'dawn il-Gzejjer Maltin:

(1) volontarjament ħassar, jew għarraq ħwejjeġ ħaddiehor, mobbli jew immobbli, cioe', għad-dannu ta' 'Joseph Bezzina', rispettivament, liema ħsara ma tiskorrix elfejn u ħames mitt euro (€2,500), iżda hija iżjed minn mitejn u ħamsin euro (€250);[1]

(2) u aktar talli fl-istess dati, lok, ħinijiet u ċirkostanzi għamel lil ħaddieħor inġurji jew theddid mhux imsemmijin band'oħra f'dan il-Kodiċi, jew jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni;[2]

(3) u aktar talli fl-istess dati, lok, ħinijiet u ċirkostanzi b'xi mod ieħor mhux imsemmi band'oħra f'dan il-Kodiċi, kiser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;[3]

(4) u aktar talli fl-istess dati, lok, ħinijiet u ċirkostanzi, ikkawża lil ħaddieħor biża li se tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-proprjetà tiegħu jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi ħadd

[11] ARtikolu 325(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
[2] Artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
[3] Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1) tal-Kodiċi Kriminali;[4]

(5) u aktar talli fl-istess dati, lok, ħinijiet u ċirkostanzi saq il-vettura ta' għamla Mercedes bin-numru ta' reġistrazzjoni ADA 558, b'manjiera traskurata;[5]

(6) u aktar talli fl-istess dati, lok, ħinijiet u ċirkostanzi saq il-vettura ta' għamla Mercedes bin-numru ta' reġistrazzjoni ADA 558, b'manjiera perikoluża;[6]

(7) u aktar talli fl-istess dati, lok, ħinijiet u ċirkostanzi saq il-vettura ta' għamla Mercedes bin-numru ta' reġistrazzjoni ADA558, b'manjiera bla kont;[7]

(8) matul is-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024), ġewwa l-gżejjer Maltin, permezz ta' network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika għamel użu mhux xieraq bih.[8]

Il-Qorti ġiet wkoll ġentilment mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurtà ta' Keith Bezzina u Joseph Bezzina billi jekk jidhrilha li huwa xieraq u neċessarju u taħt dawk il-kundizzjonijiet kollha li tqis xierqa u opportuni,

---

[4] Artikolu 251(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
[5] Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta.
[6] Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta.
[7] Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta.
[88] Artikolu 49(c) tal-Kap. 399 tal-Liġijiet ta' Malta.

toħroġ ordni ta’ protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali.

Din l-Onorabbli Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex f’każ ta’ ħtija tapplika d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, għar-rigward illi l-ħati jħallas id-danni ai termini tal-istess Artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Il-Qorti ġiet wkoll gentilment mitluba sabiex fil-każ ta’ ħtija, barra milli tapplika l-piena skond il-Liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x’jaqsmu mal-ħatra ta’ l-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti kollha esebiti mill-Uffiċjal Prosekutur;

Rat li fis-seduta tal-lum l-akkużat irreġistra ammissjoni għall-akkużi kollha dedotti fil-konfront tiegħu. Fid-dawl ta’ din l-ammissjoni l-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ tali ammissjoni u tatu żmien xieraq sabiex jerġa’ jikkunsidra mill-ġdid l-ammissjoni tiegħu;

Semgħet lill-akkużat jikkonferma l-ammissjoni tiegħu;

Rat li ma teżisti l-ebda raġuni tajba in linea ma’ dak stabbilit fl-artikolu 392A(3) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta biex il-Qorti tiddubita jekk ir-reati

ġewx tassew magħmula jew tiddubita jekk l-akkużat hux ħati tar-reati addebitati lilu;

Semgħet lill-Prosekuzzjoni u lid-Difiża jittrattaw fuq il-piena;

Ikkunsidrat:

In vista tal-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-akkużat, il-Qorti m'għandhiex triq oħra għajr li issib lil-akkużat ħati tal-akkużi kollha li ġew miġjuba fil-konfront tiegħu. Għall-fini ta' piena il-Qorti sejra tikkunsidra l-fatt li l-akkużat ammetta l-akkużi fi stadju bikri tal-proċeduri, preċiżament mal-ewwel opportunita li huwa kellu.

- **<u>Decide</u>**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi il-Qorti wara li rat l-artikoli 325(b), 339(1)(e), 338(dd) u 251B(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 49(c) tal-Kap. 399 tal-Liġijiet ta' Malta qiegħda issib lill-akkużat ħati tal-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u qed tikkundannah għall-ħlas ta' multa ta' tlett elef ewro (€ 3,000) u għall-perijodu ta' sena (1) priġunerija, liema perijodu ta' priġunerija, bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qiegħed jiġi sospiż għal żmien tlett (3) snin mil-lum.

A tenur tal-artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem ċar ir-responsabbilita tiegħu taħt l-artikolu 28B tal-Kap. 9 jekk huwa jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena ta' priġunerija matul il-perijodu operattiv tas-sentenza.

Wara li rat wkoll l-artikolu 28H(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qiegħda tordna wkoll lill-ħati sabiex iħallas lil Joseph Bezzina fi żmien sitt (6) xhur mil-lum l-ammont ta' ħames mitt ewro (€ 500) rappreżentanti d-danni sofferti mill-istess Joseph Bezzin hekk kif verbalizzat illum stess mill-Prosekuzzjoni u l-parte civile. Din l-ordni ta' ħlas għandha titqies bħala titolu eżekuttiv għall-finijiet u effetti kollha tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta bħal li kieku kienet ordni mogħtija minn Qorti Ċivili kompetenti.

Fit-termini tal-artikolu 28H(8) tal-istess Kapitolu 9, il-Qorti spjegat lill-ħati fi kliem sempliċi bil-konsegwenzi jekk huwa ma jagħmilx il-ħlas fit-termini tal-artikolu 28H.

Wara li rat l-artikolu 382A tal-Kapitolu 9 u peress li jeżistu r-raġunijiet indikati fl-artikolu 412C(1) tal-istess Kapitolu 9, il-Qorti qiegħda toħroġ ordni ta' trażżin fil-konfront tal-ħati u dan sabiex tipprovdi għas-sigurta tal-vittmi Joseph Bezzina, Keith Bezzina, Sharona Azzopardi, Chalise, Pace, Naomi Jenny Sultana Micallef u l-membri immedjati tal-familja tagħhom. L-ordni qed tiġi magħmula għal żmien tlett (3) snin mil-lum

skont il-kundizzjonijiet elenkati fl-istess ordni mogħtija kontestwalment ma' din is-sentenza.

In vista wkoll li qed tinstab ħtija li l-ħati saq il-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni ADA 558 b'mod traskurat u perikoluż, il-Qorti qed tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew jottjeni liċenzja tas-sewqan għall-perijodu ta' tlett (3) xhur mil-lum.

Finalment il-Qorti wara li rat l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tordna li l-ħati għandu jagħmel tajjeb solidalment ma' persuni oħra li jistgħu jiġu kundannati għall-istess għall-ispejjeż peritali kollha inkorsi fl-inkjesta maġisterjali li infetħet in konnessjoni ma' dan il-każ.

**Dr. Jean Paul Grech**

**Maġistrat**